**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 719/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Bezzina)**
**vs**
**Mohammed Mbarek**

**Illum 23 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Mohammed Mbarek ta' 27 sena iben Miled u Gamila al Awer mwieled il-Libja fi 10 ta' Jannar 1993 u mingħajr residenza fissa ID 0138231A;

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu stess ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioe' talli:

1. Nhar id-29 ta' Diċembru 2020 bejn it-02:00 u l-04:00 hrs minn vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni GLY118, li kienet ipparkjata ġewwa Triq ix-Xatt, il-Gżira ikkommetta serq ta' ċappetta tad-deheb u oġġetti oħra, liema valur jaqbeż is-somma ta' €2329.37 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-

xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Dylan Grech, u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GLY118 tal-għamla Peugeot għad-dannu ta' Dylan Grech u/jew persuni oħra, liema ħsara tiskorri l-elfejn u ħames mitt ewro (€2500);

3. Nhar id-29 ta' Diċembru 2020 bejn it-02:00 u l-04:00hrs minn vettura tal-għamla Citroen bin-numru tar-reġistrazzjoni EBI035, li kienet ipparkjata ġewwa Triq ix-Xatt c/w Gżira Road, il-Gżira ikkommetta serq ta' flixkun tal-fwieħa liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Mohamed Buhdima u/jew persuni oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBI035 tal-għamla Citroen għad-dannu ta' Mohamed Buhdima u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250);

5. Nhar id-29 ta' Diċembru 2020 bejn it-02:00 u l-04:00hrs minn vettura ta' l-għamla Jeep bin-numru tar-reġistrazzjoni ABS813, li kienet ipparkjata ġewwa Triq ix-Xatt c/w Gżira Road, il-Gżira ikkommetta serq ta' GoPro u oġġetti oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa,u dan għad-detriment ta' Daniele Baraggioli, u /jew persuni oħra;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABS813 tal-għamla Jeep għad-dannu ta' Daniele Baraggioli u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250);

7. Bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, ta' bidu għall-eżekuzzjoni sabiex jikkommetti serq minn ġewwa vettura tal-għamla Hyundai bin-numru tar-reġistrazzjoni HQZ769, li kienet ipparkjata ġewwa Triq ix-Xatt, tas-Sliema, għad-dannu ta' Jonathan Pisani

u/jew persuni oħra, liema serq kien ikun aggravat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HQZ769 tal-għamla Hyundai għad-dannu ta' Jonathan Pisani u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250);

9. Bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentli u indipendenti mill-volonta' tiegħu, ta bidu għall-eżekuzzjoni sabiex jikkometti serq minn ġewwa vettura tal-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE887, li kienet ipparkjata ġewwa Triq ix-Xatt, il-Gżira, u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq liema ammont, ma jeċċedix is-somma ta' erba' mitt ewro (400), għad-dannu ta' Lucia Pace u/jew ta' xi persuna/i oħra, liema serq kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE887 tal-għamla Toyota għad-dannu ta' Lucia Pace u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250);

11. Bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, ta bidu għall-eżekuzzjoni sabiex jikkometti serq minn ġewwa vettura tal-għamla Kia bin-numru tar-reġistrazzjoni AQZ885, li kienet ipparkjata ġewwa Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, għad-dannu ta' Anthony Meli u/jew persuni oħra, liema serq kien ikun aggravat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AQZ885 tal-għamla Kie għad-dannu ta' Anthony Meli u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorrix aktar minn elfejn u ħames mitt ewro (€2500);

Il-Qorti hija mitluba ukoll li f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha u semgħet ix-xhieda;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fl-artikoli:

- Fl-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(a), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(a), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi jitkompla bi proċedura sommarja.

Rat li fis-seduta datata 20 ta' Diċembru 2023 l-imputat irreġistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu żmien biex jerġa jikkonsulta ma' l-avukat tiegħu u jerġa jikkonsidra l-ammissjoni huwa ikkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-Qorti staqsietu jekk xtaqx jikkonferma l-istess;

**Ikkunsidrat**

In vista ta' l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li ssib lill-istess imputat Mohammed Mbarek ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu. Illi in vista tal-gravita' tar-reati li tagħhom huwa akkużat l-imputat ikun iktar idoneju li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(a)(b), 280(2), 281(a), 325(1)(a)(b)(ċ), 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li l-Qorti semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat, issib lill-imputat Mohammed Mbarek ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal tlett snin priġunerija effettivi.**

**Inoltre ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tikkundanna lill-ħati Mohammed Mbarek iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' elfejn u disgħa u disgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2099.98) spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'din il-kawża.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**